**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum it-13 ta' Ġunju 2024**

**Rikors numru: BCT/02/2024**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Stephen Dalli**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fejn huwa premetta u talab is-segwenti:

1. *Illi permezz ta' avviż datat 18 ta' Diċembru 2023 l-appellant ġie mmultat penali amministrattiva fl-ammont ta' €500 stante li qiegħed jiġi allegat li l-barrikati mhux mibnija b'mod sod u inadegwat;*
2. *Illi l-appellant qiegħed iħossu aggravat b'tali penali u qiegħed għalhekk jinterponi dan l-umli appell stante li huwa jħoss li l-Awtorita' ma kinitx korretta fl-imposizzjoni tal-multa amministrattiva sureferita u ma kellhiex raġuni valida fil-liġi;*
3. *Illi b' kull dovut rispett l-appellant qiegħed jiċħad bl-aktar mod kategoriku li l-ħajt ġie mibni sabiex jagħlaq is-sit ta' kostruzzjoni tiegħu mhux wieħed sod u adegwat;*
4. *Illi l-appellant kien ferm attent li jagħmel hekk imsejjħa barrikati jew aħjar ħajt permezz ta' ħajt tal-bricks li l-għoli tiegħu huwa ta' tmien filati u insista li kull tmien*

*brickss ta' tali ħajt isir pilastru tal-bricks fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħajt bl-intenzjoni li dan ikun iktar sod u adegwat in konformita ma' dak rikjest mil-liġi b'mod speċifiku mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 623.06 u kwindi korrett f'kull aspett;*

5. *Illi l-bini tal-ħajt jew altrimenti magħruf bħala l-hoarding tas-sit ġie approvat wara li l-condition reports u l-method statement (hawn annessi u mmarkati Dok. A) ġew preżentati qabel ma kienu bdew ix-xogħlijiet ta' skavar fuq l-istess sit u l-appellant jħoss li hu kien ben attent sabiex jieħu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ikun hemm ħarsien assolut tal-obbligi tiegħu qua żviluppatur;*
6. *Illi xi ftit tal-ġimgħat ilu l-appellant ingħata struzzjoni verbali sabiex ineħħi l-horading stante li skont l-Awtorita' dan mhux aktar neċessarju stante li ma fadal ebda xogħol ta' twaqqiegħ. Illi bid-dovut rispett l-appellant jisħaq li huwa għad fadallu xi xogħol ta' twaqqiegħ fuq l-istess sit u għalhekk l-hoarding eżistenti għadu meħtieġ u dan sabiex ikun in konformita mal-liġi sureferita;*
7. *Illi għandu jiġi sottolineat li l-istess method statement li ġie preżentat qabel ma nbdew ix-xogħlijiet kien jistipula biċ-ċar li l-hoarding huwa neċessarju kemm waqt it-twaqqiegħ, l-iskavar u l-proċess kollu tal-bini u għalhekk l-appellant jħoss li hu m'għamel xejn u m'hu qiegħed jagħmel xejn li jmur kontra dak li ġie awtorizzat jagħmel qabel ma nbdew ix-xogħlijiet fuq is-sit in kwistjoni;*

*Għalhekk l-appellant qiegħed umilment jitlob lit-Tribunal sabiex jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' li timpani l-multa sureferita fil-kofront tal-appellant u dan taħt il-kundizzjonijiet u provvediment li dan it-Tribunal jidhirlu xierqa u opportuni.*

Ra illi l-appellant appella minn multa oħra maħruġa fl-istess data fl-ammont ta' €250 relatata ma nuqqas ta' passaġġ sikur quddiem is-sit u materjal tal-bini u skart li jostakola l-bankina.

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorità appellata qiegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

2. *Illi durante l-appell, l-uffiċjali tal-Awtorita' ser jkunu qegħdin jipprovdu aktar dettal rigward il-penali, cioe' jipprovdu evidenza li kien hemm, kemm nuqqasijiet fejn si tratta il-kostruzzjoni tal-ħajt, kif ukoll li jkun hemm passaġġ sigura;*

3. *Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qiegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għall-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell jittratta żewġ penali amministtrattivi maħruġa fil-konfront tal-appellant għall-istess sit u fl-istess data, ċioe nhar it-18 ta' Diċembru, 2023.

*L-ewwwel multa: Barrikati mhux mibnija b'mod sod jew inadegwat*

It-Tribunal jinnota li rigward din il-penali amministrattiva, Catherine Dalli tgħid li l-ħajt jinkludi pilastru fuq ġewwa li huwa mimli bil-konkos u dan sabiex ikun sod.

Ir-rappreżentant tal-Awtorita', Nick Grima xehed dwar dan u stqarr li partijiet minn dan il-ħajt kien baxx. Hu qal ukoll li l-ħajt kien imxengel 'l barra u ma kienx imkaħħal.

It-Tribunal qed jipproduċi artikolu 6 mit-Tieni Skeda tal-Avviż Legali 340 tal-2022 li jistipula l-mod ta' kif għandhom jinbnew il-barrikati:

*6. Il-klijent għandu jtella' barrikati ta' l-injam jew metall Barrikati.*
*sabiex jagħlqu u jevitaw aċċess lil persuni mhux awtorizzati tant li:*

*(a) il-barrikati għandhom jinbnew b'mod sod u*
*b'għoli ta' mhux inqas minn żewġ (2) metri bejn is-sit u lpassaġġ*
*pubbliku jew biex jimblokkaw kompletament ilpartijiet*
*miftuħa tas-sit sabiex jipproteġu l-pubbliku u l-propjetà*
*mobbli jew immobbli ta' terzi;*

*(b) il-barrikati għandu jkollhom uċuħ lixxi fin-naħa li*
*tħares fuq il-passaġġ pubbliku u m'għandhom ikollhom l-ebda*
*ftuħ ħlief dak meħtieġ għal aċċess awtorizzat;*

*(ċ) ftuħ għal aċċess mill-barrikati għandu jkun*
*magħluq bi xtiebi li għandhom jinżammu magħluqa u msakkra*
*meta ma jkun hemm ħadd fis-sit, u għandhom jibqgħu fil-post*
*sat-tmiem tax-xogħlijiet għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità. Dawn*
*ix-xtiebi għandhom ikunu disinjati b'manjiera li timblokka laċċess*
*għall-pubbliku, b'mod speċjali dak tat-tfal;*

*(d) kull xatba għal aċċess ġo sit użat mill-makkinarju*
*għandu jkollha dwal ta' twissija li jiġu mixgħula waqt id-dħul u*
*l-ħruġ ta' dan l-makkinarju jew ikun hemm banksmen sabiex*
*javżaw lis-sewwieqa jew lill-pubbliku ġenerali bil-mogħdija ta'*
*makkinarju.*

It-Tribunal fela il-provi preżentati bir-reqqa u ma jarax li ġew preżentati provi sodisfaċenti li jagħtu l-konvinzjoni morali li l-barikati ma kienux sodi jew mhux mibnija b'mod adegwat. Lanqas ma jirriżulta li l-istess barrikati ma kellhomx uċuħ lixxi fin-naħa li tħares fuq il-passaġġ

pubbliku kif tesiġi l-liġi. In vista ta' dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jirrevoka din il-multa in kwistjoni.

*It-tieni multa: Nuqqas ta' passaġġ sikur quddiem is-sit / materjal tal-bini u skart jostakola l-bankina*

It-Tribunal jinnota li rigward din il-penali amministrattiva, Catherine Dalli tgħid li l-materjal kien jinstab mill-hoarding wall 'l ġewwa u l-ebda materjal ma ġie mormi ġos-sit u mhux fuq il-bankina. Rigward in-nuqqas ta' bankina hija tgħid li kien fuq parir tal-Kunsill Lokali li din ma saritx u dan minħabba li hija triq dejqa. Wara li inħarġet il-multa din il-bankina saret. Ix-xhud tgħid ukoll li minkejja li pruvat tavviċina s-Sindku sabiex ittiha konferma tal-opinjoni tagħha, hija ma rnexxilix tagħmel dan.

It-Tribunal fela il-provi u r-ritratti preżentati mill-Awtorita' intimata.

L-artiklu rilevanti għal din il-penali huwa artikolu 7 tat-Tieni Skeda:

*7. Il-klijent għandu jiżgura li jkun hemm passaġġ sikur*
*quddiem is-sit. Meta jkun hemm ħtieġa ta' ostruzzjoni tal-bankina*
*pedonali waqt ix-xogħlijiet u tkun approvata mill-Kunsill Lokali,*
*għandha tiġi pprovduta bankina pedonali temporanja li fl-ebda ħin*
*m'għandha tkun ostakolata*

It-Tribunal huwa konvint li l-appellant naqas milli jipprovdi bankina pedonali temporanja u għaldaqstant ser jgħaddi sabiex jikkonferma din il-parti tal-penali amministrattiva. Għar-rigward tal-parti tal-penali li titratta materjal tal-bini u skart li jostakola l-bankina, it-Tribunal jinnota li din il-parti tal-penali tikkumplimenta l-ewwel parti tal-penali u dan stante li bil-*hoarding wall* mibni, il-bankina in kwistjoni kienet qiegħda tiġi ostakolata b'materjal. In-nuqqas ta' bankina temporanja ma għinx is-sitwazzjoni tal-appellant. Lanqas l-allegata kunsens verbali mill-Kunsill Lokali ma jista' jeżonera lill-appellant minn dan l-obbligu u għaldaqstant ser jgħaddi sabiex jikkonferma din il-penali fl-intier tagħha.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, it-Tribunal qiegħed jilqa' in parte l-appell u jirrevoka l-penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt Ewro (€500) konċernanti barrikati mhux mibnija b'mod sod jew inadegwat filwaqt li qed jikkonferma l-penali amministrattiva fl-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) konċernanti nuqqas ta' passaġġ sikur quddiem is-sit / materjal tal-bini u skart jostakola l-bankina.

*******************VERU KOPJA TAL-ORIĠINAL*******************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |